Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2022/0298(COD)

11.1.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol
(COM(2022)0489 – C9-0321/2022 – 2022/0298(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Véronique Trillet-Lenoir

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 42

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT 46

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol
(COM(2022)0489 – C9-0321/2022 – 2022/0298(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0489),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 153(2), punt (b), flimkien mal-paragrafu 1, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0321/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta' xx.xx. 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' xx.xx. 2023 [2],,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. x./ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. x./ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-asbestos huwa aġent karċinoġeniku perikoluż ħafna, li għadu jaffettwa setturi ekonomiċi differenti, bħall-bini u r-rinnovazzjoni, l-estrazzjoni u l-barrieri, l-immaniġġar tal-iskart u t-tifi tan-nar, fejn il-ħaddiema jinsabu f'riskju għoli li jkunu esposti. Il-fibri tal-asbestos huma kklassifikati bħala karċinoġeni 1A skont ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65]. Meta jittieħdu bin-nifs, il-fibri tal-asbestos fl-ajru jistgħu jwasslu għal mard serju bħal mesoteljoma u kanċer tal-pulmun, u l-ewwel sinjali tal-marda jistgħu jieħdu medja ta' 30 sena sabiex jidhru mill-mument tal-esponiment, u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal imwiet relatati max-xogħol.	(3) L-asbestos huwa aġent karċinoġeniku perikoluż ħafna, li għadu jaffettwa setturi ekonomiċi differenti, bħall-bini u r-rinnovazzjoni, l-estrazzjoni u l-barrieri, l-immaniġġar tal-iskart u t-tifi tan-nar, fejn il-ħaddiema jinsabu f'riskju għoli li jkunu esposti. Il-fibri tal-asbestos huma kklassifikati bħala karċinoġeni 1A skont ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] ***u huma bil-bosta l-kawża ewlenija tal-kanċer relatat max-xogħol, b'sa 78 % tal-kanċers okkupazzjonali rikonoxxuti fl-Istati Membri bħala relatati mal-asbestos***. Meta jittieħdu bin-nifs, il-fibri tal-asbestos fl-ajru jistgħu jwasslu għal mard serju bħal mesoteljoma u kanċer tal-pulmun, u l-ewwel sinjali tal-marda jistgħu jieħdu medja ta' 30 sena sabiex jidhru mill-mument tal-esponiment, u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal imwiet relatati max-xogħol.
[65] Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.	[65] Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Wara l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi l-ġodda fil-qasam, hemm lok sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema esposti għall-asbestos u b'hekk titnaqqas il-probabbiltà li l-ħaddiema jaqbadhom mard relatat mal-asbestos. Billi l-asbestos ma huwiex karċinoġenu b'livell limitu, mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu identifikati l-livelli li taħthom l-esponiment ma jwassalx għal effetti negattivi għas-saħħa. Minflok, tista' tinkiseb relazzjoni bejn l-esponiment u r-riskju (ERR), li tiffaċilita l-istabbiliment ta' limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ***billi jitqies livell aċċettabbli ta' riskju eċċessiv.*** B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol għall-asbestos jiġi rivedut sabiex jitnaqqas ir-riskju billi jitnaqqsu l-livelli ta' esponiment.	(4) Wara l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi l-ġodda fil-qasam, hemm lok sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema esposti għall-asbestos u b'hekk titnaqqas il-probabbiltà li l-ħaddiema jaqbadhom mard relatat mal-asbestos. Billi l-asbestos ma huwiex karċinoġenu b'livell limitu, mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu identifikati l-livelli li taħthom l-esponiment ma jwassalx għal effetti negattivi għas-saħħa. Minflok, tista' tinkiseb relazzjoni bejn l-esponiment u r-riskju (ERR), li tiffaċilita l-istabbiliment ta' limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol għall-asbestos jiġi rivedut sabiex jitnaqqas ir-riskju billi jitnaqqsu l-livelli ta' esponiment.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-valur ta' limitu għall-asbestos stabbilit fid-Direttiva 2009/148/KE jiġi rivedut fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-evidenza xjentifika u tad-*data* teknika reċenti. ***Ir-reviżjoni tiegħu hija wkoll mod effettiv sabiex jiġi żgurat li*** l-miżuri preventivi u protettivi jiġu ***aġġornati kif xieraq*** fl-Istati Membri kollha.	(7) Jenħtieġ li l-valur ta' limitu għall-asbestos stabbilit fid-Direttiva 2009/148/KE jiġi rivedut fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-evidenza xjentifika u tad-*data* teknika reċenti. ***Huma meħtieġa*** miżuri preventivi u protettivi ***msaħħa biex tiġi implimentata tali reviżjoni tal-valur ta' limitu*** fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri preventivi u protettivi għandhom jiġu aġġornati biex ikun possibbli li jiġi implimentat il-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Filwaqt li jitqiesu l-għarfien espert xjentifiku rilevanti u approċċ bilanċjat li jiżgura fl-istess ħin protezzjoni adegwata tal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni u li jiġu evitati żvantaġġi u pożijiet ekonomiċi sproporzjonati għall-operaturi ekonomiċi affettwati (inklużi l-SMEs), jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol ugwali għal 0,01 fibri/cm³ bħala medja ponderata skont il-ħin (TWA) fuq 8 sigħat. Dan l-approċċ bilanċjat huwa sostnut minn objettiv tas-saħħa pubblika li jimmira għat-tneħħija sikura neċessarja tal-asbestos. Ingħatat ukoll kunsiderazzjoni li jiġi propost limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol li jqis kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u tekniċi sabiex tkun tista' ssir tneħħija effettiva.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-indirizzar tal-metodoloġija huwa prerekwiżit qabel ma jiġi indirizzat il-valur ta' limitu. Din il-parti għandha għalhekk tiġi indirizzata wara l-premessa 11.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-mikroskopija ottika, għalkemm ma tippermettix l-għadd tal-iżgħar fibri li jagħmlu ħsara lis-saħħa, hija l-metodu li bħalissa qed jintuża l-aktar għat-tkejjil normali tal-asbestos***. Peress li huwa possibbli li jitkejjel limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ugwali għal 0,01 f/cm³ bil-***	(11) Il-mikroskopija ottika, għalkemm ma tippermettix l-għadd tal-iżgħar fibri li jagħmlu ħsara lis-saħħa, hija l-metodu li bħalissa qed jintuża l-aktar għat-tkejjil normali tal-asbestos. F'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-

mikroskopju ta' kuntrast tal-faži (PCM), mhu meħtieġ l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tal-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol. F'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, jenħtieġ li tintuża metodoloġija aktar moderna u sensittiva bbażata fuq il-mikroskopija tal-elettroni, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal perjodu adegwat ta' adattament ***u għal armonizzazzjoni akbar fil-livell tal-UE ta' metodoloġiji differenti*** ta' mikroskopija tal-elettroni.	Xogħol, jenħtieġ li tintuża metodoloġija aktar moderna u sensittiva bbażata fuq il-mikroskopija tal-elettroni, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal perjodu adegwat ta' adattament***. Fid-dawl tal-fatt li l-fibri tal-asbestos irqaq (<0,2 µm) huma karċinoġeniċi wkoll, dawk il-fibri jenħtieġ li jitqiesu meta jitkejjel l-esponiment fuq il-post tax-xogħol.*** Mikroskopija tal-elettroni ta' ***trażmissjoni, li tippermetti d-detezzjoni ta' fibri tal-asbestos irqaq bħal dawn jew metodi avvanzati simili jenħtieġ li jintużaw għal dak l-iskop. Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit il-ġdid, jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu ta' traspożizzjoni ta' tliet snin. Matul dak il-perjodu ta' traspożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jwettqu l-għadd tal-fibri permezz ta' mikroskopija ta' kuntrast tal-faži. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa u tiffaċilita lill-Istati Membri fir-rigward tat-tranżizzjoni għall-metodoloġija l-ġdida għall-kejl tal-fibri tal-asbestos, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-fondi rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jintużaw għal dak il-għan.***
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalissa qed jintużaw żewġ tipi ta' Mikroskopija tal-Elettroni fl-Istati Membri: Mikroskopija tal-Elettroni tal-Iskennjar (SEM) u Mikroskopija tal-Elettroni tat-Trażmissjoni (TEM). SEM regolari għandu limitu aktar baxx ta' viżibilità ta' madwar 0.2 µm. TEM għandu limitu ta' viżibilità aktar baxx ta' madwar 0.01 µm. Meta wieħed iqis li anki l-fibri tal-asbestos irqaq (<0.2 µm) huma karċinoġeniċi (b'indikazzjonijiet li l-potenza tista' tiżdied mat-tnaqqis fil-wisa'), huwa propost li jiġi ffavorit approċċ ibbażat fuq ix-xjenza u għalhekk li tintgħażel il-metodoloġija (TEM) li tippermetti l-għadd ta' dawk il-fibri.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Filwaqt li jitqiesu l-għarfien espert xjentifiku rilevanti, il-ħtieġa li tiżdied il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni, objettiv tas-saħħa pubblika li għandu l-għan li jneħħi l-asbestos, kif ukoll kunsiderazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-monitoraġġ tal-konformità, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol ugwali għal 0,01 fibri/cm³ bħala medja ponderata skont il-ħin fuq tmien sigħat bħala l-ewwel pass xieraq biex jitnaqqsu r-riskji ta' esponiment għall-asbestos. Minħabba x-xejra kontinwa ta' rinnovazzjoni tal-bini, huwa importanti li dak il-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun u għalhekk jenħtieġ li ma japplika l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni. Peress li l-mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni, tippermetti d-detezzjoni tal-fibri tal-asbestos irqaq, il-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol, flimkien mal-metodoloġija l-ġdida, huwa mistenni li jiżgura protezzjoni aħjar tal-ħaddiema kontra l-esponiment għall-asbestos. F'konformità mal-approċċ viżjoni żero tal-qafas strateġiku tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, huwa meħtieġ sforz kostanti biex jitnaqqas l-esponiment għal dan il-karċinoġenu qawwi mingħajr livell limitu. Billi ...* [*ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]*, abbażi tal-esperjenza miksuba u l-evidenza xjentifika aġġornata u d-data teknika, u wara konsultazzjoni mal-ishab soċjali, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-fattibbiltà ta' tnaqqis ulterjuri tal-limitu ta' esponiment għall-asbestos, filwaqt li tqis il-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol fil-mira ta' 0,001 fibri/cm³.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-korpi regolatorji li użaw fatturi ta' konverżjoni, użaw fatturi bejn tnejn u erbgħa bejn il-PCM u l-EM, u b'hekk irrestringew l-għadd tal-EM għall-fibri li jistgħu jiġu identifikati bil-PCM. Skont studju reċenti (INRS, 2018), l-inklużjoni ta' fibri rqaq mhux detettabbli bil-PCM irriżultat fi proporzjon medju ta' 15. Qed jiġi propost approċċ gradwali. L-ewwel: it-tnaqqis tal-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol mingħajr tranżizzjoni, għal livell li għadu jista' jitkejjel bil-PCM. It-tieni: l-introduzzjoni tat-TEM tirriżulta f'għadd aktar preċiż, u għalhekk tissaħħaħ il-protezzjoni. It-tielet: reviżjoni tal-leġiżlazzjoni biex jitqies il-progress tekniku.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Il-kampjunament tal-asbestos għandu jkun rappreżentattiv tal-esponiment personali tal-ħaddiem għall-asbestos. Il-kampjuni għandhom għalhekk jittieħdu f'intervalli regolari matul fażijiet operattivi speċifiċi f'sitwazzjonijiet rappreżentattivi u realistiċi li fihom il-ħaddiema jkunu esposti għat-trab tal-asbestos. Jekk ma jkunx possibbli li l-kampjunament ikun rappreżentattiv tal-esponiment personali tal-ħaddiem għall-asbestos, għandhom jiġu applikati l-miżuri protettivi xierqa kollha.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Hemm bżonn ta' miżuri u ta' prekawzjonijiet speċjali ta' kontroll ***għall-ħaddiema esposti jew li x'aktarx ikunu esposti għall-***asbestos, ***bħall-fatt*** li l-ħaddiema jiġu soġġetti għal proċedura ta' dekontaminazzjoni u għal taħriġ relatat,	(13) Hemm bżonn ta' miżuri u ta' prekawzjonijiet speċjali ta' kontroll ***biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-fibri tal-***asbestos ***fl-arja għal livell kemm jista' jkun teknikament possibbli taħt il-valur ta' limitu.*** Il-fatt li l-ħaddiema jiġu soġġetti

bħala kontribut sinifikanti għat-tnaqqis tar-riskji relatati ma' tali esponiment.

għal proċedura ta' dekontaminazzjoni u ***t-tisħiħ tar-rekwiżiti*** għal taħriġ relatat***, huma elementi importanti*** bħala kontribut sinifikanti għat-tnaqqis tar-riskji relatati ma' tali esponiment. ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, jenħtieġ li anness għal din id-Direttiva jipprevedi rekwiżiti minimi ta' taħriġ, inklużi rekwiżiti speċifiċi għall-ħaddiema f'impriżi speċjalizzati tat-tneħħija tal-asbestos.***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Is-sistema ta' notifika hija importanti biex tippermetti s-superviżjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' xogħlijiet li matulhom l-asbestos jista' jiġi disturbat. L-informazzjoni għandha tinkludi l-elementi addizzjonali li ġejjin biex l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun infurmata aħjar: iż-żoni li fihom għandu jitwettaq ix-xogħol, it-tagħmir użat għall-protezzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema, u pjan għar-rimi tal-iskart. Tali informazzjoni addizzjonali tippermetti, fejn xieraq, l-intervent tal-awtorità nazzjonali kompetenti biex tiżgura l-protezzjoni ta' dawk involuti.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jenħtieġ li l-impjegaturi jieħdu l-	(15) Jenħtieġ li l-impjegaturi jieħdu l-

passi neċessarji kollha sabiex jidentifikaw materjali preżunti li fihom l-asbestos, ***jekk ikun xieraq*** billi jiksbu informazzjoni mingħand is-sidien tal-bini kif ukoll minn sorsi oħrajn ta' informazzjoni, inklużi r-reġistri rilevanti. Jenħtieġ li jirrekordjaw, qabel il-bidu ta' kwalunkwe proġett ta' tneħħija tal-asbestos, il-presenza jew il-presenza preżunta tal-asbestos f'bini jew f'installazzjonijiet u jikkomunikaw din l-informazzjoni lil oħrajn li jistgħu jkunu esposti għall-asbestos bħala riżultat tal-użu tiegħu, tal-manutenzjoni jew ta' attivitajiet oħrajn ***fil-bini jew fuqu***.	passi neċessarji kollha sabiex jidentifikaw materjali preżunti li fihom l-asbestos billi jiksbu informazzjoni mingħand is-sidien tal-bini kif ukoll minn sorsi oħrajn ta' informazzjoni, inklużi r-reġistri rilevanti. ***Jekk din l-informazzjoni tkun nieqsa, l-iskrinjar tal-asbestos għandu jitwettaq minn operatur iċċertifikat.*** Jenħtieġ li ***dan l-operatur*** jirrekordja qabel il-bidu ta' kwalunkwe proġett ta' tneħħija tal-asbestos, ***demolizzjoni jew rinnovazzjoni, informazzjoni relatata mal-***presenza jew il-presenza preżunta tal-asbestos ***li x'aktarx jiġi disturbat matul ix-xogħlijiet*** f'bini, ***vapuri, inġenji tal-ajru jew*** installazzjonijiet ***oħra li nbnew qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni nazzjonali*** tal-asbestos u ***jenħtieġ li*** jikkomunika ***dik*** l-informazzjoni lil oħrajn li jistgħu jkunu esposti għall-asbestos bħala riżultat tal-użu tiegħu, tal-manutenzjoni jew ta' attivitajiet oħrajn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar l-iskrinjar u r-reġistrazzjoni obbligatorji tal-asbestos fil-bini hija milqugħa. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tal-asbestos tista' tieħu ż-żmien u għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst l-iskrinjar tal-asbestos f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni, li wieħed jittama li ma jkunx meħtieġ meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni l-ġdida. Fi kwalunkwe każ, l-iskrinjar tal-asbestos ma għandux ikun limitat għall-bini, minħabba l-użu estensiv tal-asbestos f'tipi oħra ta' infrastrutturi.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(15a) It-tneħħija u r-rimi sikur tal-materjali li fihom l-asbestos għandhom ikunu prijorità, minħabba li t-tiswija, il-manutenzjoni, l-inkapsulament jew l-issiġillar iwasslu biss għall-posponiment tat-tneħħija, li tista' tipperpetwa r-riskji għall-abitanti u l-ħaddiema għal ħafna**

snin. L-inkapsulament u l-issiġillar ta' materjali li fihom l-asbestos li teknikament jistgħu jitneħħew jenħtieġ li jiġu pprojbiti, filwaqt li ma jpoġġux lill-unitajiet domestiċi ifqar fi żvantaġġ minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jaffordjaw rinnovazzjonijiet meħtieġa. Għalhekk hemm bżonn ta' miżuri xierqa ta' akkumpanjament. F'dak ir-rigward, l-Unjoni tipprovdi finanzjament sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għandha tintuża biex tappoġġa miżuri nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos fil-kuntest tar-rinnovazzjonijiet. Fejn l-asbestos ma jitneħħiex, l-istrutturi rilevanti għandhom jiġu identifikati, irreġistrati u mmonitorjati regolarment.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 15 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Hemm bżonn li jiġi pprovdut appoġġ amministrattiv suffiċjenti u ffukat biex jgħin lill-impjegaturi, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, jimplimentaw din id-Direttiva. B'mod partikolari, proċessi standardizzati għat-tneħħija ta' materjali li fihom l-asbestos jgħinu biex jitnaqqsu l-livelli tat-trab tal-asbestos, l-ispiża ta' dawk l-operazzjonijiet u jiffaċilitaw l-issodisfar tar-rekwiżiti tan-notifika.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 15c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15c) Jenħtieġ li d-Direttiva 2009/148/KE tiġi aġġornata regolarment biex tqis l-aħħar għarfien xjentifiku u l-iżviluppi tekniċi inkluża evalwazzjoni ta' tipi differenti ta' fibri tal-asbestos u l-effetti negattivi tagħhom fuq is-saħħa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibda l-proċess ta' konsultazzjoni għall-aġġornament tad-dispożizzjonijiet dwar is-silikati fibrużi u, f'dak il-kuntest, għandha b'mod partikolari tivvaluta jekk ir-riebeckite, il-winchite, ir-richterite, il-fluoro-edenite jew l-erionite għandhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidla fil-metodoloġija minn PCM għal TEM se tippermetti li ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' fibri, li tagħmilha possibbli li tinbeda l-valutazzjoni dwar il-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġi estiż għal silikati fibrużi oħra, fejn xieraq.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 15d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15d) Sabiex iżżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sa ...*[*ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] ***u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, tirrevedi l-informazzjoni teknoloġika u xjentifika dwar l-identifikazzjoni tal-asbestos, it-teknoloġija tal-kejl u t-twissija u jenħtieġ li, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, toħroġ linji gwida fejn teknoloġija

ġdida għandha tintuża sabiex tipproteġi lill-ħaddiema mill-esponiment għall-asbestos. Għal dak il-għan jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll skambju aktar sistematiku tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 15e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15e) Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ACSH, tiżviluppa linji gwida. Jenħtieġ li dawk il-linji gwida, fejn xieraq, jinkludu reazzjonijiet speċifiċi għas-settur.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. ***Sakemm l-espożizzjoni tal-ħaddiema tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u meta jkun ċar mir-riżultati tal-istima tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 li l-limitu tal-espożizzjoni għall-asbestos m'għandux jinqabeż fl-arja taż-żona tax-xogħol, l-Artikoli 4, 18 u 19 jistgħu ma jiġux applikati meta x-xogħol jinvolvi:***	"3. ***B'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida li jipprovdu, fejn xieraq, informazzjoni prattika speċifika dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva."***

(a) attivitajiet ta' manutenzjoni qosra, mhux kontinwi li fihom jintmissu biss materjali li ma jinkisrux malajr;

(b) it-tneħħija mingħajr deterjorazzjoni ta' materjali mhux degradati li fihom il-fibri tal-asbestos huma mqabbda sew mal-matriċi;

(c) enkapsulazzjoni jew issiġillar ta' materjali li jkun fihom l-asbestos li huma f'kondizzjoni tajba;

(d) monitoraġġ u kontroll tal-arja, u l-kampjunament biex jiġi aċċertat jekk materjal speċifiku jkunx fih l-asbestos.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ibbażat fuq ix-xjenza li jintuża l-kunċett ta' "espożizzjoni sporadika u ta' intensità baxxa" għal karċinoġenu mingħajr livell limitu bħall-asbestos, li xi ħaddiema jistgħu jkunu esposti għalih fuq perjodu twil ta' żmien, biex jiġi ġġustifikat it-tneħħija ta' xi rekwiżiti tad-Direttiva, li għandhom japplikaw għall-attivitajiet kollha li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti għat-trab li ġej mill-asbestos. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-direttiva fis-setturi differenti, qed jiġi propost li l-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'referenza għal-linji gwida li l-Kummissjoni beħsiebha tħejji f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fl-Artikolu 3, jitħassar il-paragrafu 4.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ibbażat fuq ix-xjenza li jintuża l-kunċett ta' "espożizzjoni sporadika u ta' intensità

baxxa" għal karċinoġenu mingħajr livell limitu bħall-asbestos, li xi ħaddiema jistgħu jkunu esposti għalih fuq perjodu twil ta' żmien, biex jiġi ġġustifikat it-tneħħija ta' xi rekwiżiti tad-Direttiva, li għandhom japplikaw għall-attivitajiet kollha li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti għat-trab li ġej mill-asbestos. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-direttiva fis-setturi differenti, qed jiġi propost li l-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'referenza għal-linji gwida li l-Kummissjoni beħsiebha tħejji f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2c) Fl-Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Din in-notifika ***għandha*** tinkludi tal-anqas deskrizzjoni qasira ta':	"Din in-notifika ***għandha*** tinkludi tal-anqas deskrizzjoni qasira ta':
(a) fejn jinsab is-sit tax-xogħol;	(a) fejn jinsab is-sit tax-xogħol ***u ż-żoni speċifiċi li fihom ser jitwettaq ix-xogħol***;
(b) it-tip u l-kwantitajiet ta' asbestos użati jew immaniġġjati;	(b) it-tip u l-kwantitajiet ta' asbestos użati jew immaniġġjati;
(c) l-attivitajiet u l-proċessi involuti;	(c) l-attivitajiet u l-proċessi involuti;
(d) in-numru ta' ħaddiema involuti;	(d) in-numru ta' ħaddiema involuti***, lista tal-ħaddiema li x'aktarx jiġu assenjati fuq is-sit, iċ-ċertifikati individwali li jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom u t-taħriġ li rċevew, u d-dati taż-żjarat mediċi obbligatorji***;
(e) id-data tal-bidu tax-xogħol u t-tul ta' żmien;	(e) id-data tal-bidu u t-tul ta' żmien tax-xogħol u ***s-sigħat tax-xogħol ippjanati***;
(f) miżuri meħuda biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos.	(f) miżuri meħuda biex jillimitaw l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos***;***
	(fa) il-karatteristiċi tat-tagħmir użat għall-protezzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema;
	(fb) il-proċedura għad-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema u t-tagħmir, it-tul ta' żmien u s-sigħat tax-xogħol;
	(fc) il-karatteristiċi tat-tagħmir użat

għar-rimi tal-iskart;

(fd) bilanċ tal-arja proviżorju għal xogħol imwettaq fil-magħluq;

(fe) pjan għar-rimi sikur u sostenibbli tal-iskart, inkluż fir-rigward tad-destinazzjoni tal-iskart li fih l-asbestos."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' notifika hija importanti biex tippermetti s-superviżjoni tax-xogħol imwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti. L-informazzjoni għandha tinkludi elementi addizzjonali biex tinforma aħjar lill-awtorità kompetenti u tippermetti, fejn xieraq, l-intervent tal-awtorità nazzjonali kompetenti biex tiżgura l-protezzjoni ta' dawk involuti.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2d (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2d) Fl-Artikolu 4(3), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:
	"In-notifiki għandhom jinżammu mill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru għal minimu ta' 40 sena, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' notifika hija importanti biex tippermetti s-superviżjoni tax-xogħol imwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti. L-informazzjoni għandha tinkludi elementi addizzjonali biex tinforma aħjar lill-awtorità kompetenti u tippermetti, fejn xieraq, l-intervent tal-awtorità nazzjonali kompetenti biex tiżgura l-protezzjoni ta' dawk involuti.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2e (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2e) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"Il-materjali li fihom l-asbestos li diġà qed jintużaw għandhom jitneħħew u jintremew b'mod sikur meta dan ikun teknikament fattibbli. M'għandhomx ikunu ssiġillati jew koperti. Materjali li fihom l-asbestos li ma jitneħħewx għandhom jiġu identifikati, irreġistrati u mmonitorjati regolarment."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-ambizzjoni ta' futur ħieles mill-asbestos, it-tneħħija u r-rimi sikuri ta' materjali li fihom l-asbestos għandhom ikunu prijorità, minħabba li l-inkapsulament jew l-issiġillar iwasslu biss għall-posponiment tat-tneħħija, li tipperpetwa r-riskji għall-abitanti u l-ħaddiema snin wara.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati biex ma jipproduċux trab tal-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab tal-asbestos fl-arja;	(b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati biex ma jipproduċux trab tal-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab tal-asbestos fl-arja ***billi jiġu implimentati mill-inqas il-miżuri li ġejjin***:
	(i) is-soppressjoni tat-trab tal-

asbestos;

(ii) il-ġbid tat-trab tal-asbestos fis-sors;

(iii) is-sedimentazzjoni kontinwa tal-fibri tal-asbestos sospiżi fl-arja;

(iv) dekontaminazzjoni xierqa;

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 6 - subparagrafu b) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) għal xogħol imwettaq fil-magħluq, iż-żona tax-xogħol għandha tkun protetta billi jiġu implimentati mill-inqas il-miżuri li ġejjin:
	(i) l-istabbiliment ta' differenza minima fil-pressjoni ta' -10;
	(ii) il-provvista ta' arja ta' sostituzzjoni nadifa minn punt aktar 'il bogħod;
	(iii) il-verifika tal-prestazzjoni ta' unitajiet ta' pressjoni negattiva u vakwi portabbli ta' sistemi ta' ventilazzjoni tal-egżost lokali wara l-bidla ta' filtru HEPA u qabel il-bidu tat-tneħħija tal-asbestos jew tal-anqas darba fis-sena, billi jitkejlu l-effiċjenzi tat-tneħħija tal-filtri b'apparat li jgħodd il-partikoli b'qari dirett.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Skont ir-riżultati tal-stima inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi assigurata konformità mal-limitu preskritt fl-Artikolu 8, il-kejl tal-fibri tal-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq ***regolarment***.	"1. Skont ir-riżultati tal-***istima*** inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi assigurata konformità mal-limitu preskritt fl-Artikolu 8, il-kejl tal-fibri tal-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq ***matul il-fażijiet operattivi speċifiċi u f'intervalli regolari matul il-proċess tax-xogħol***."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-esponiment personali reali tal-ħaddiem, li jfisser li l-kampjuni għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet rappreżentattivi u realistiċi tal-esponiment tal-ħaddiema għat-trab tal-asbestos billi jitkejlu f'intervalli regolari matul il-fażijiet operattivi speċifiċi.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3b) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-espożizzjoni personali tal-ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos.	"2. Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-esponiment personali ***reali*** tal-ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-esponiment personali reali tal-ħaddiem, li jfisser li l-kampjuni għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet rappreżentattivi u realistiċi tal-esponiment tal-ħaddiema għat-trab tal-asbestos billi jitkejlu f'intervalli regolari matul il-fażijiet operattivi speċifiċi.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3c) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej
5. It-tul ta' żmien tal-kampjunament ***għandu*** jkun tali li espożizzjoni rappreżentattiva tista' tiġi stabbilita għal perjodu ta' referenza ta' ***tmien sigħat (xift wieħed) permezz ta' kejl jew kalkolazzjonijiet pożati skont il-ħin***.	"5. It-tul ta' żmien tal-kampjunament ***għandu*** jkun tali li esponiment rappreżentattiv jista' jiġi stabbilit għall-operazzjonijiet ***kollha fil-fażijiet differenti kollha tagħhom imwettqa matul il-proċess tax-xogħol***."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-esponiment personali reali tal-ħaddiem, li jfisser li l-kampjuni għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet rappreżentattivi u realistiċi tal-esponiment tal-ħaddiema għat-trab tal-asbestos billi jitkejlu f'intervalli regolari matul il-fażijiet operattivi speċifiċi.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għadd tal-fibri għandu jsir permezz ta' ***mikroskopju ta' kuntrast tal-fażi (PCM)***	L-għadd tal-fibri għandu jitwettaq kull fejn possibbli permezz ta' ***mikroskopija tal-***

f'konformità mal-metodu rrakkomandat fl-1997 mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)* jew, kull fejn possibbli, kwalunkwe metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti jew aħjar, ***bħal metodu bbażat fuq il-mikroskopija tal-elettroni (EM)***.	***elettroni tat-trażmissjoni*** jew xi metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti jew aħjar" ***Għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri dwar l-għadd tal-fibri msemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi gwida teknika xierqa, inkluż dwar it-tranżizzjoni teknika mill-mikroskopija ta' kuntrast tal-fażi għall-mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni, u informazzjoni dwar il-fondi rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw dik it-tranżizzjoni.***
* Determination of airborne fibre concentrations. A recommended method, by phase-contrast optical microscopy (membrane filter method), WHO, Ġinevra 1997 (ISBN 92 4 154496 1).”;	* Determination of airborne fibre concentrations. A recommended method, by phase-contrast optical microscopy (membrane filter method), WHO, Ġinevra 1997 (ISBN 92 4 154496 1).’*;*

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed iqis li l-fibri tal-asbestos irqaq minn 0.2 µm huma karċinoġeniċi wkoll (b'indikazzjonijiet li l-potenza tista' tiżdied mat-tnaqqis fil-wisa'), huwa propost li jiġi ffavorit approċċ ibbażat fuq ix-xjenza u għalhekk li tintgħażel il-Mikroskopija tal-Elettroni tat-Trażmissjoni, li hija l-metodoloġija li diġà qed tintuża li tippermetti l-għadd ta' dawk il-fibri.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 a (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Fejn il-limitu preskritt fl-Artikolu 8 jinqabeż, ir-raġunijiet għaliex il-limitu jkun inqabeż ***għandhom*** jiġu identifikati u miżuri adattati biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.	"1. Fejn il-limitu preskritt fl-Artikolu 8 jinqabeż, ***jew ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-materjali li fihom l-asbestos u li ma ġewx identifikati qabel ix-xogħol ikunu ġew disturbati b'mod li ġie ġġenerat it-trab, ix-xogħol għandu jieqaf immedjatament***. Ir-raġunijiet għaliex il-limitu jkun inqabeż ***għandhom imbagħad*** jiġu identifikati u miżuri xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.
Ma jistax jibqa' jsir xogħol fiż-żona affetwata sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema interessati.	***M'għandux*** jibqa' jsir xogħol fiż-żona ***affettwata*** sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema interessati."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2009/148/KE)

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jibdew ix-xogħol ta' demolizzjoni ***jew*** ta' manutenzjoni, l-impjegaturi għandhom jieħdu, ***jekk ikun xieraq*** billi jiksbu informazzjoni mingħand is-sidien tal-bini kif ukoll minn sorsi oħrajn ta' informazzjoni, inklużi r-reġistri rilevanti, il-passi neċessarji kollha sabiex jidentifikaw materjali preżunti li fihom l-asbestos."	Qabel ma jibdew ix-xogħol ta' demolizzjoni jew ta' manutenzjoni ***jew rinnovazzjoni f'bini mibni qabel is-sena li fiha l-projbizzjoni nazzjonali dwar l-asbestos daħlet fis-seħħ***, l-impjegaturi għandhom jieħdu, jekk ikun xieraq billi jiksbu informazzjoni mingħand is-sidien tal-bini kif ukoll minn sorsi oħrajn ta' informazzjoni, inklużi r-reġistri rilevanti, il-passi neċessarji kollha sabiex jidentifikaw materjali preżunti li fihom l-asbestos.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar l-iskrinjar u r-reġistrazzjoni obbligatorji tal-asbestos fil-bini hija milqugħa. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tal-asbestos tista' tieħu ż-żmien u

għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst l-iskrinjar tal-asbestos f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni, li wieħed jittama li ma jkunx meħtieġ meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fin-nuqqas ta' informazzjoni rilevanti disponibbli jew jekk l-informazzjoni ma tkunx dettaljata biżżejjed għax-xogħol ippjanat, il-persuna jew il-korp li jordna x-xogħol għandu jikkummissjona skrinjar biex jidentifika l-materjali li fihom l-asbestos li x'aktarx jiġu affettwati mix-xogħol. L-iskrinjar għandu jitwettaq minn operatur iċċertifikat u r-riżultat għandu jiġi kkomunikat lill-impjegatur qabel ma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar l-iskrinjar u r-reġistrazzjoni obbligatorji tal-asbestos fil-bini hija milqugħa. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tal-asbestos tista' tieħu ż-żmien u għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst l-iskrinjar tal-asbestos f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni, li wieħed jittama li ma jkunx meħtieġ meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistri pubbliċi tal-operaturi iċċertifikati awtorizzati li jwettqu l-iskrinjar tal-

asbestos, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar l-iskrinjar u r-reġistrazzjoni obbligatorji tal-asbestos fil-bini hija milqugħa. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tal-asbestos tista' tieħu ż-żmien u għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst l-iskrinjar tal-asbestos f'każ ta' nuqqas ta' informazzjoni, li wieħed jittama li ma jkunx meħtieġ meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 a (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) Fl-Artikolu 12(1), il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:
Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal xogħlijiet ta' twaqqigħ, tneħħija, tiswija u manutenzjoni li fir-rigward tagħhom ikun prevvist li l-limitu tal-valur stipulat fl-Artikolu 8 jinqabeż minkejja l-użu ta' miżuri tekniċi preventivi għall-illimitar ta' konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja, min iħaddem għandu jistabbilixxi l-miżuri maħsuba biex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu qed jaħdmu f'dawk l-attivitajiet, b'mod partikolari dan li ġej:	"Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal xogħlijiet ta' twaqqigħ, tneħħija, tiswija u manutenzjoni li fir-rigward tagħhom ikun ***previst*** li l-limitu tal-valur stipulat fl-Artikolu 8 jinqabeż minkejja l-użu ta' miżuri tekniċi preventivi ***possibbli kollha*** għall-illimitar ta' konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja, ***l-impjegatur*** għandu jistabbilixxi l-miżuri maħsuba biex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu qed jaħdmu f'dawk l-attivitajiet, b'mod partikolari dan li ġej:"

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6b) Fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"Il-kejl tal-konċentrazzjoni tal-fibri tal-asbestos fl-arja għandu jitwettaq wara li l-attivitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew konklużi sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jerġgħu jidħlu fil-post tax-xogħol b'mod sikur."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6c (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6c) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-kontenut tat-taħriġ ***għandu*** jkun jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. ***Għandu*** jippermettilhom li jiksbu l-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa f'termini ta' prevenzjoni u sigurtà, ***partikolarment fir-rigward ta':***	"2. Il-kontenut tat-taħriġ ***għandu*** jkun jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. ***Għandu*** jippermettilhom li jiksbu l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa f'termini ta' prevenzjoni u sigurtà, ***f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali applikabbli fejn isir ix-xogħol.***"**;**
(a) il-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġiku tat-tipjip;	
(b) it-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;	
(c) l-operazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi biex tiġi minimizzata l-espożizzjoni;	
(d) prattika ta' xogħol bla perikolu, kontrolli u apparat protettiv;	
(e) ir-rwol xieraq, l-għażla, l-għażla,	

is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu kif imiss ta' apparat respiratorju;

(f) proċeduri ta' emerġenza;

(g) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;

(h) rimi tal-iskart;

(i) ħtiġiet ta' eżami mediku.

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

It-tisħiħ tar-rekwiżiti tat-taħriġ huwa element importanti biex jitnaqqsu r-riskji u tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, l-Anness Ia ta' din id-Direttiva jipprevedi rekwiżiti minimi ta' taħriġ, inklużi rekwiżiti speċifiċi għall-ħaddiema f'kumpaniji speċjalizzati li jneħħu l-asbestos.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6d (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6d) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Linji gwida prattiċi għat-taħriġ ***ta' ħaddiema li jneħħu l-asbestos għandhom ikunu żviluppati fil-livell tal-Komunità***.	***"3. Ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-kontenut, it-tul ta' żmien, l-intervalli, u d-dokumentazzjoni*** tat-taħriġ ***ipprovdut skont dan l-Artikolu għandhom jiġu speċifikati fl-Anness Ia."***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

It-tisħiħ tar-rekwiżiti tat-taħriġ huwa element importanti biex jitnaqqsu r-riskji u tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, l-Anness Ia ta' din id-Direttiva jipprevedi rekwiżiti minimi ta' taħriġ, inklużi rekwiżiti speċifiċi għall-ħaddiema f'kumpaniji speċjalizzati li jneħħu l-asbestos.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6e (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6e) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Qabel ma jitwettaq xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija ta' asbestos, ***id-ditti għandhom jipprovdu evidenza tal-abbiltà tagħhom f'dan il-qasam***. ***L-evidenza*** għandha ***tiġi stabbilita skont il-liġijiet u/jew prattika nazzjonali***.	***"1. Impriżi li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu*** xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos għandu ***jkollhom l-obbligu li jiksbu, qabel il-bidu tax-xogħlijiet, permess mill-awtorità kompetenti***. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali permessi biss jekk l-impriża applikanti toffri prova ta' tagħmir tekniku mill-aktar avvanzat u adegwat għal proċeduri tax-xogħol mingħajr emissjonijiet jew, fejn dan ma jkunx għadu teknikament possibbli, proċeduri ta' xogħol b'emissjonijiet baxxi f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6, u ċertifikati tat-taħriġ għall-ħaddiema individwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 u l-Anness 1a."***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-riskju involut fix-xogħol ta' twaqqigħ u tneħħija tal-asbestos, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom sistema ta' permess li jiġġedded li tippermetti biss lill-kumpaniji bil-kompetenza meħtieġa biex iwettqu dawn ix-xogħlijiet.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6f (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6f) Fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"1a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permessi lill-impriżi biss jekk ma jkollhom l-ebda dubju dwar l-affidabbiltà tal-impriża u l-ġestjoni tagħha. Il-permessi għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu kull ħames snin, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-riskju involut fix-xogħol ta' twaqqigħ u tneħħija tal-asbestos, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom sistema ta' permess li jiġġedded li tippermetti biss lill-kumpaniji bil-kompetenza meħtieġa biex iwettqu dawn ix-xogħlijiet.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6g (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6g) Fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"1b. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistri pubbliċi tal-impriżi li jkunu ngħataw permessi għat-tneħħija ta' l-asbestos skont il-paragrafu 1."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-riskju involut fix-xogħol ta' twaqqigħ u tneħħija tal-asbestos, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom sistema ta' permess li jiġġedded li tippermetti biss lill-kumpaniji bil-

kompetenza meħtieġa biex iwettqu dawn ix-xogħlijiet.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6h (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6h) Fl-Artikolu 16(1), il-punt c huwa sostitwit b'dan li ġej:
(c) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq jew protettiv; ***dan*** l-ilbies tax-xogħol jew protettiv jibqa' ġewwa l-impriża; iżda, jista' jinħasel fi stabbilimenti barra l-impriza li huma mgħammra għal dan it-tip ta' xogħol kemm-il darba l-impriża stess ma tagħmilx it-tindif; f'dak il-każ l-ilbies għandu jinġarr f'kontenituri magħluqa;	"(c) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq jew protettiv ***kif ukoll b'tagħmir protettiv, u b'mod partikolari tagħmir respiratorju, li huwa soġġett għal kontroll individwali obbligatorju tal-immuntar; dak*** l-ilbies tax-xogħol jew protettiv kollu jibqa' ġewwa l-impriża; iżda, jista' jinħasel fi stabbilimenti barra l-impriza li huma mgħammra għal dan it-tip ta' xogħol kemm-il darba l-impriża stess ma tagħmilx it-tindif; f'dak il-każ l-ilbies għandu jinġarr f'kontenituri magħluqa;"

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-ħaddiema li jilbsu tagħmir protettiv personali bħal tagħmir respiratorju jiġu soġġetti għal kontroll obbligatorju tal-immuntar biex tiġi żgurata protezzjoni xierqa u biex jiġu pprovduti pawżi regolari għall-ħaddiema li jilbsu protezzjoni respiratorja. Il-proċedura ta' dekontaminazzjoni hija meħtieġa wkoll biex jiġi evitat esponiment sekondarju għall-asbestos.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6i (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6i) Fl-Artikolu 16(1), jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ca) iridu jiġu previsti pawżi regolari obbligatorji b'ħin biżżejjed għall-mistrieħ għall-ħaddiema li jilbsu tagħmir respiratorju;"

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-ħaddiema li jilbsu tagħmir protettiv personali bħal tagħmir respiratorju jiġu soġġetti għal kontroll obbligatorju tal-immuntar biex tiġi żgurata protezzjoni xierqa u biex jiġu pprovduti pawżi regolari għall-ħaddiema li jilbsu protezzjoni respiratorja. Il-proċedura ta' dekontaminazzjoni hija meħtieġa wkoll biex jiġi evitat esponiment sekondarju għall-asbestos.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6j (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6j) Fl-Artikolu 16(1), il-punt e huwa sostitwit b'dan li ġej:
(e) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'faċilitajiet xierqa għall-ħasil u twaletta, inklużi doċoċ fil-każ ta' ħidmiet fit-trab;	"(e) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'faċilitajiet xierqa għall-ħasil u twaletta, inklużi doċoċ fil-każ ta' ħidmiet fit-trab; ***u huma soġġetti għal proċedura ta' dekontaminazzjoni obbligatorja;"***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-ħaddiema li jilbsu tagħmir protettiv personali bħal tagħmir respiratorju jiġu soġġetti għal kontroll obbligatorju tal-immuntar biex tiġi żgurata protezzjoni xierqa u biex jiġu pprovduti pawżi regolari għall-ħaddiema li jilbsu protezzjoni respiratorja. Il-

proċedura ta' dekontaminazzjoni hija meħtieġa wkoll biex jiġi evitat esponiment sekondarju għall-asbestos.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6k (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 18ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6k) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 18ba
	1. Billi ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, tiżviluppa linji gwida biex tappoġġa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk il-linji gwida għandhom jipprovdu, fejn xieraq, tweġibiet speċifiċi għas-settur.
	2. Billi... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tibda l-proċess ta' konsultazzjoni għall-aġġornament tas-silikati fibrużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, f'dak il-kuntest, tivvaluta l-inklużjoni tar-riebeckite, il-winchite, ir-richterite, il-fluoro-edenite u l-erionite. Wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, il-Kummissjoni għandha, fejn rilevanti, sussegwentement tipproponi l-emendi meħtieġa għal din id-Direttiva fi proposta leġiżlattiva.
	3. Billi ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, tirrevedi l-istat teknoloġiku u xjentifiku tat-teknoloġija tal-identifikazzjoni, tal-kejl jew tat-twissija tal-asbestos u toħroġ linji gwida għal

meta teknoloġija ġdida għandha tintuża sabiex tipproteġi lill-ħaddiema mill-esponiment għall-asbestos."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ sforz kostanti biex jittaffew ir-riskji relatati mal-esponiment ta' karċinoġenu b'saħħtu bħall-asbestos. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-linji gwida relatati għandhom għalhekk jiġu aġġornati regolarment biex iqisu l-aħħar għarfien xjentifiku u l-iżviluppi tekniċi. Il-bidla fil-metodoloġija mill-Mikroskopija ta' Kuntrast tal-Fażi għall-Mikroskopija tal-Elettroni tat-Trażmissjoni tippermetti wkoll li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' fibri u tippermetti li tiġi vvalutata l-opportunità li jiġu aġġornati s-silikati fibrużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, jekk ikun xieraq.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 a (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7a) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri jridu jżommu reġistru tal-każijiet kollha magħrufa ta' ***asbestożi u tal-mesoteljoma***.	***"1.*** L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-każijiet kollha magħrufa ta' ***mard okkupazzjonali relatat mal-asbestos. Lista indikattiva ta' mard li jista' jkun ikkawżat minn esponiment għall-asbestos hija stabbilita fl-Anness 1.***

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li fl-Anness 1 tiġi aġġornata l-lista ta' mard li l-għarfien kurrenti tiegħu jindika li l-esponiment għall-fibri tal-asbestos jista' jwassal għal dan. Mingħajr ma jiddgħajfu l-kompetenzi nazzjonali fir-rigward tal-kumpens għall-mard okkupazzjonali, meta jintwera li marda hija marbuta mal-esponiment okkupazzjonali għall-asbestos, l-informazzjoni għandha tintuża biex tikkontribwixxi għar-reġistri tal-istatistika sabiex jiġi żgurat monitoraġġ epidemjoloġiku aħjar u fl-aħħar mill-aħħar tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 21 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7b) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"1a. It-terminu każijiet magħrufa msemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun limitat għal każijiet li għalihom jingħata kumpens, iżda għandu jirreferi għall-każijiet kollha ta' mard relatat mal-asbestos li tkun saritlu dijanjożi medika."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li fl-Anness 1 tiġi aġġornata l-lista ta' mard li l-għarfien kurrenti tiegħu jindika li l-esponiment għall-fibri tal-asbestos jista' jwassal għal dan. Mingħajr ma jiddgħajfu l-kompetenzi nazzjonali fir-rigward tal-kumpens għall-mard okkupazzjonali, meta jintwera li marda hija marbuta mal-esponiment okkupazzjonali għall-asbestos, l-informazzjoni għandha tintuża biex tikkontribwixxi għar-reġistri tal-istatistika sabiex jiġi żgurat monitoraġġ epidemjoloġiku aħjar u fl-aħħar mill-aħħar tiġi vvalutata l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7c (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 21a
	F'każ ta' nar, l-informazzjoni kollha eżistenti, inkluż minn reġistri relevanti,

dwar il-preżenza u l-post tal-asbestos għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pumpiera u tas-servizzi tal-emerġenza."

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7d (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Anness I – punt 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7d) Fl-Anness I, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:
1. It-tagħrif kurrenti jindika li l-fatt li l-espożizzjoni għall-fibri ħielsa tal-asbestos jista' jġib il-mard li ġej:	1. It-tagħrif kurrenti jindika li l-fatt li l-espożizzjoni għall-fibri ħielsa tal-asbestos jista' jġib il-mard li ġej:
— asbestożi,	— asbestożi,
— mesoteljoma,	— mesoteljoma,
— karċinoma fil-bronki,	— karċinoma fil-bronki,
— karċinoma gastro-intestinali.	— karċinoma gastro-intestinali***,***
	— karċinoma tal-laringi,
	— karċinoma tal-ovarju,
	— mard mhux malinn fil-plewra.
	1a. L-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer innotat assoċjazzjonijiet pożittivi bejn l-esponiment għall-asbestos u l-mard li ġej:
	— il-kanċer tal-faringi,
	— il-kanċer kolorettali,
	— il-kanċer fl-istonku."

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva 2009/148/KE)

Ġustifikazzjoni

Iż-żidiet huma bbażati fuq ir-rapport tal-ECHA u l-monografija tal-IARC.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7e (ġdid)
Direttiva 2009/148/KE
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7e) Jiddaħħal l-anness li ġej:
	"ANNESS Ia
	REKWIŻITI MINIMI GĦAT-TAĦRIĠ
	Il-ħaddiema li jkunu, jew li x'aktarx ikunu, esposti għat-trab mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos, għandhom jirċievu taħriġ obbligatorju, li jinkludi tal-anqas ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:
	1. It-taħriġ għandu jingħata fil-bidu ta' relazzjoni ta' impjieg u f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin.
	2. Kull kors ta' taħriġ għandu jkollu tul ta' żmien minimu ta' tlett ijiem tax-xogħol.
	3. It-taħriġ għandu jiġi pprovdut jew minn għalliem li l-kwalifika tiegħu hija rikonoxxuta minn awtorità nazzjonali jew minn istituzzjoni ċċertifikata skont il-liġi u l-prattika nazzjonali.
	4. Kull ħaddiem li jkun attenda t-taħriġ b'mod sodisfaċenti u jkun għadda mit-test meħtieġ għandu jirċievi ċertifikat tat-taħriġ li jindika:
	(a) id-data tat-taħriġ;
	(b) it-tul taż-żmien kemm idum it-taħriġ;
	(c) il-kontenut tat-taħriġ;
	(d) il-lingwa tat-taħriġ;
	(e) l-isem, il-kwalifika u d-dettalji ta' kuntatt tal-għalliem u l-istituzzjoni li jipprovdu t-taħriġ.
	5. Il-ħaddiema li jkunu, jew li x'aktarx li jkunu, esposti għat-trab mill-

asbestos jew materjali li fihom l-asbestos għandhom tal-anqas jirċievu t-taħriġ li ġej, li jkun fih parti teoretika u parti prattika rigward dan kollu li ġej:

(a) il-liġi applikabbli tal-Istat Membru li fih isir ix-xogħol;

(b) il-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġistiku tat-tipjip, kif ukoll ir-riskji marbuta mal-esponiment sekondarju u ambjentali;

(c) it-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;

(d) l-operazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'esponiment għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi biex jiġi minimizzat l-esponiment;

(e) prattiki ta' xogħol sikuri, inkluż it-tħejjija fuq il-post tax-xogħol, l-għażla tal-metodi tax-xogħol u l-ippjanar tal-eżekuzzjoni tax-xogħol, il-ventilazzjoni, l-estrazzjoni tal-punti, il-kejl u l-kontroll, u l-pawżi regolari;

(f) ir-rwol xieraq, l-għażla, is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu xieraq ta' tagħmir protettiv, b'mod speċjali tagħmir respiratorju;

(g) proċeduri ta' emerġenza;

(h) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;

(i) rimi tal-iskart;

(j) rekwiżiti ta' sorveljanza medika.

It-taħriġ għandu jiġi adattat kemm jista' jkun mill-qrib għall-karatteristiċi tal-professjoni u l-kompiti speċifiċi u l-metodi ta' xogħol li tinvolvi.

6. Il-ħaddiema li jkunu involuti f'xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos għandhom jirċievu taħriġ, minbarra t-taħriġ previst skont il-paragrafu 4, fir-rigward ta' dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) l-użu ta' tagħmir u magni teknoloġiċi biex irażżnu r-rilaxx u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos matul il-proċessi tax-

xogħol, f'konformità ma' din id-Direttiva;

(b) l-aktar teknoloġiji u magni ġodda disponibbli għal proċeduri tax-xogħol mingħajr emissjonijiet jew, fejn dan ma jkunx għadu teknikament possibbli, proċeduri tax-xogħol b'emissjonijiet baxxi biex irażżnu r-rilaxx u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, dan l-anness il-ġdid jipprevedi rekwiżiti minimi ta' taħriġ dwar aspetti ġenerali tat-taħriġ, inkluži rekwiżiti speċifiċi għall-ħaddiema f'kumpaniji speċjalizzati li jneħħu l-asbestos. It-taħriġ huwa importanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni prattika fuq il-post. Tali rekwiżiti minimi obbligatorji ġenerali għandhom ikunu soġġetti għal linji gwida prattiċi aġġornati regolarment.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1, il-punt 4, ta' din id-Direttiva sa... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.
	L-Istati Membri għandhom, qabel ma jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi skont dan il-paragrafu, iwettqu l-għadd tal-fibri permezz ta' mikroskopija ta' kuntrast tal-faži, skont il-metodu rakkomandat fl-1997 mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, jew, fejn possibbli, bi kwalunkwe metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti jew aħjar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-konformità mar-rekwiżit il-ġdid tal-użu tal-Mikroskopija tal-Elettroni tat-Trażmissjoni, huwa xieraq li jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin. Matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-PCM xorta waħda jista' jintuża.

NOTA SPJEGATTIVA

L-asbestos huwa l-kawża ewlenija tal-kanċers okkupazzjonali. Din is-sustanza ġiet ipprojbita fil-livell Ewropew fl-2005 iżda għadha preżenti f'ħafna bini u infrastrutturi, inkluż it-trasport.

Il-Patt Ekoloġiku jinvolvi lill-Unjoni Ewropea fi programm vast ta' rinnovazzjoni tal-bini biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika filwaqt li tiġi xprunata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Fl-istess ħin, din ix-xejra ta' rinnovazzjoni tesponi lill-ħaddiema għal żieda fir-riskji tal-kanċer okkupazzjonali. Għalhekk, il-Parlament Ewropew talab, b'maġġoranza kbira, għal strateġija Ewropea trażversali, inklużi l-politiki dwar l-akkomodazzjoni, l-immaniġġar tal-iskart u l-protezzjoni tas-saħħa okkupazzjonali.

F'Settembru 2022, wara r-rapport tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet f'komunikazzjoni dwar li "naħdmu lejn futur ħieles mill-asbestos", strateġija li tinkludi miżuri biex jittejbu d-dijanjożi u t-trattament ta' mard ikkawżat mill-asbestos, l- immaniġġar tal-iskart tal-asbestos, l-iskrinjar u t-tneħħija sikura ta' din is-sustanza. Din l-istrateġija hija l-ewwel pass tajjeb.

Ir-reviżjoni tad-direttiva dwar l-asbestos fuq ix-xogħol hija l-ewwel leġiżlazzjoni ta' din l-istrateġija. Il-proposti ewlenin tal-Kummissjoni għandhom x'jaqsmu mal-metodoloġija tal-għadd tal-fibri u l-limitu ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol.

Metodoloġija

Il-maġġoranza tal-Istati Membri bħalissa qed jużaw metodoloġija (mikroskopija ta' kuntrast tal-faża), irrakkomandata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Madankollu, din il-metodoloġija hija ġeneralment meqjusa bħala skaduta minħabba l-limitazzjonijiet.

- **L-ewwel ostaklu huwa l-limitu ta' detezzjoni.** Biex valur ta' limitu jkun realtà tanġibbli, huwa kruċjali li jkun hemm il-mezzi biex tiġi kkontrollata l-applikazzjoni tiegħu. Fil-prattika, dan ifisser li l-limitu ta' detezzjoni għandu jkun aktar baxx mill-valur ta' limitu definit.

- **It-tieni wieħed jirrigwarda l-limitu ta' viżibbiltà.** L-istabbiliment ta' kwantità massima ta' asbestos li ma għandhiex tinqabeż hija diskussjoni kruċjali, iżda l-prerekwiżit huwa li jintlaħaq qbil dwar x'ikopru t-termini "fibri li għandhom jingħaddu". Il-leġiżlazzjoni ma tipprovdix għal dijametru li taħtu l-fibri ma jingħaddux. Fil-prattika, dan il-limitu huwa stabbilit b'dak li jista' jiġi osservat taħt il-mikroskopju. Bil-mikroskopija ta' kuntrast tal-faża, il-fibri li d-dijametru tagħhom huwa inqas minn 0.2 mikrometri huma eskluży de facto.

- **It-tielet ostaklu huwa l-impossibbiltà li ssir distinzjoni bejn in-natura tat-trab** (fibri tal-asbestos jew le, u liema tip ta' asbestos), bil-konsegwenzi tal-possibbiltà ta' "negattivi foloz" jew "pożittivi foloz".

Minn mikroskopija ta' kuntrast tal-faża għal teknoloġija aktar moderna bbażata fuq mikroskopija tal-elettroni, se tiġi osservata bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni. Peress li l-laboratorji se jkollhom jgħammru lilhom infushom u jħarrġu t-timijiet tagħhom skont dan, qed jiġi propost perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin.

Bħalissa qed jintużaw żewġ tipi ta' mikroskopija tal-elettroni:

- **Mikroskopija tal-elettroni tal-iskennjar (magħrufa bħala "SEM").** L-aktar limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol baxx fis-seħħ fl-Ewropa (0.002 fibri għal kull cm^3) jintuża ma' din il-metodoloġija.
- **Mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni (imsejħa "TEM").** Il-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol l-aktar baxx fl-Ewropa huwa 0.01 fibra għal kull cm^3 meta jintuża dan il-metodu.

Fid-dawl tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol baxx ħafna li diġà huwa fis-seħħ fi Stat Membru bil-mikroskopija tal-elettroni tal-iskennjar, il-vantaġġi ta' din l-għażla jidhru ovvji. Madankollu, meta tintuża għal skopijiet ta' monitoraġġ tal-esponiment okkupazzjonali, ma tistax tidentifika fibri rqaq daqs mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni (li jistgħu jindividwaw fibri b'dijametru ta' madwar 0.01 μm).

Din il-kwistjoni mhijiex dettall. **Il-fibri tal-asbestos irqaq huma karċinoġeniċi wkoll.** Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, dawk il-fibri rqaq għandhom jiġu kkunsidrati. Dan għandu konsegwenza naturali fuq in-numru ta' fibri magħduda, u għalhekk fuq il-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol.

Peress li m'hemm l-ebda raġuni xjentifikament valida biex jiġu esklużi l-fibri tal-asbestos irqaq, ir-rapport għalhekk jipproponi li tiġi adottata l-mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni bħala l-metodu għall-monitoraġġ tal-konformità mal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u tiffaċilita lill-Istati Membri fi tranżizzjoni bħal din, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida u l-għoti ta' informazzjoni dwar fondi rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jintużaw għal dak il-għan.

Limitu ta' Esponiment fuq ix-Xogħol (OEL)

Ir-rapport jipproponi, bħala l-ewwel pass, li l-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol jinqasam b'10 u għalhekk li jmur, mingħajr perjodu ta' tranżizzjoni, minn 0.1 fibra għal kull cm^3 għal 0.01 fibra għal kull cm^3.

Il-bidla fil-metodoloġija, wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, għat-trażmissjoni għall-mikroskopija tal-elettroni, se twassal, b'limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol kostanti, għal tisħiħ addizzjonali konsiderevoli tal-protezzjoni tal-ħaddiema, peress li se jingħaddu aktar fibri.

Jekk il-proporzjonijiet bejn iż-żewġ metodi jittieħdu b'kawtela, u jiddependu fuq fatturi marbuta maċ-ċirkostanzi ta' esponiment (marbuta mal-post fejn isir ix-xogħol), huwa ġeneralment aċċettat li l-**mikroskopija tal-elettroni tagħmilha possibbli li jingħaddu tnejn sa erba' darbiet aktar fibri mill-mikroskopija ta' kuntrast tal-fażi, meta jiġi ristrett l-għadd għal fibri b'wisa' li jista' jiġi osservat ukoll bil-Mikroskopija ta' Kuntrast tal-Fażi** (għalhekk fibri eħxen minn 0.2 μm). **Studju reċenti stima li meta jitqiesu l-fibri rqaq osservabbli permezz ta' mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni** (li tista' tara fibri b'dijametru ta' madwar 0.01 μm), **il-proporzjon medju jkun ta' 15[3].**

[3] EYPERT-BLAISON, C., CLERC, F., ROMERO-HARIOT, A. & VINCENT, R. 2018a. Notes techniques 252. Amiante dans l'air des lieux de travail : pertinence de l'analyse par microscopie électronique à transmission

Meta mqabbla mas-sitwazzjoni kurrenti (0.1 fibra għal kull cm³ imkejla permezz ta' mikroskopija ta' kuntrast tal-fażi), **limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ta' 0.01 fibra għal kull cm³ imkejjel bil-mikroskopija tal-elettroni tat-trażmissjoni għalhekk iwassal għal tnaqqis fl-esponiment b'fattur ta' madwar 150.** Is-sensittività analitika ta' din it-teknika hija 0.001 fibri għal kull cm³[4], se jkun possibbli wkoll li jitkejlu mill-inqas 10 % tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni.

Madankollu, limtu ta' esponiment fuq ix-xogħol m'għandhiex tiġi konfuża ma' mira. L-asbestos huwa karċinoġenu mingħajr livell limitu. Għalhekk, l-impjegaturi huma meħtieġa **li jnaqqsu l-esponiment għal-livell l-aktar baxx possibbli.** Fl-ebda każ l-istabbiliment ta' limitu ma jkun ta' inkoraġġiment għall-mira ta' dan il-livell limitu.

Huma meħtieġa sforzi kostanti biex jitnaqqas ir-riskju tal-esponiment għal karċinoġenu qawwi mingħajr livell limitu bħall-asbestos. Għalhekk, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, abbażi tal-esperjenza miksuba u l-progress tekniku li jkun sar, il-fattibbiltà ta' aktar tnaqqis tal-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol, b'mira għal 0.001 fibra għal kull cm³, u tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak il-għan.

Biex jakkumpanja r-reviżjoni tad-direttiva, ir-rapport jipproponi li jiġu speċifikati l-miżuri applikabbli għall-prevenzjoni tat-tixrid tat-trab fl-arja u li jiġi żgurat li t-tagħmir protettiv personali jkun soġġett għal kontrolli individwali obbligatorji tal-immuntar. Dawn il-miżuri prattiċi se jgħinu biex ikun hemm konformità mal-limitu rivedut ta' esponiment fuq ix-xogħol u huma t-traduzzjoni loġika tal-fatt li l-esponiment irid jitnaqqas għall-aktar livell baxx teknikament possibbli.

Barra minn hekk, qed jiġi propost li jiġi speċifikat li l-kampjunament għandu jsir b'tali mod li jkun rappreżentattiv tal-esponiment reali tal-ħaddiema, u li jitqiesu l-fażijiet operattivi differenti tax-xogħlijiet.

Aktar bidliet għad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol huma proposti u jirriflettu t-talbiet tal-Parlament Ewropew espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2021.

Anke jekk ir-reviżjoni proposta żżid il-protezzjoni tal-ħaddiema b'fattur ta' madwar 150, li huwa konsiderevoli, l-iffukar biss fuq l-limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol mhuwiex biżżejjed. Prerekwiżit huwa li tiġi ċċekkjata, qabel ix-xogħol, il-preżenza jew in-nuqqas tagħha tal-asbestos fl-ambitu tax-xogħol ippjanat. Għalkemm it-tħabbira mill-Kummissjoni ta' leġiżlazzjoni futura dwar l-iskrinjar u r-reġistrazzjoni tal-asbestos fil-bini hija tabilħaqq aħbar tajba, il-kontenut ta' proposta bħal din għadu ma ġiex ippubblikat. L-għarfien dwar il-preżenza tal-asbestos huwa element importanti għall-protezzjoni tal-ħaddiema. Din hija r-raġuni għaliex ir-rapport jipproponi li tiddaħħal klawżola li tipprevedi, jekk l-informazzjoni tkun nieqsa jew mhux suffiċjenti, li l-iskrinjar, adattat għall-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol, għandu jitwettaq minn operatur iċċertifikat, irrispettivament mit-tip ta' bini: bini jew infrastrutturi, b'mod partikolari vapuri.

analytique (meta), Paris, INRS.
EYPERT-BLAISON, C., ROMERO-HARIOT, A., CLERC, F. & VINCENT, R. 2018b. Assessment of occupational exposure to asbestos fibers: Contribution of analytical transmission electron microscopy analysis and comparison with phase-contrast microscopy. J Occup Environ Hyg, 15, 263-274.
[4] sors: TNO 2021 R12180

Qed jiġi propost ukoll li jitħassar il-kunċett ta' "espożizzjoni sporadika u ta' intensità baxxa" biex jitneħħew ċerti rekwiżiti tad-direttiva. Minflok, qed jiġi propost li jiġu żviluppati linji gwida, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, biex jipprovdu, fejn xieraq, informazzjoni prattika speċifika għas-settur dwar l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva.

Ir-rapport jirrakkomanda li tingħata prijorità lit-tneħħija ta' materjali li fihom l-asbestos aktar milli l-użu ta' tekniki alternattivi, bħall-inkapsulament jew l-issiġillar, li jipposponi biss it-tneħħija sikura tal-asbestos.

L-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni teħtieġ, minn naħa waħda, li l-ħaddiema jkollhom kwalifiki xierqa u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jintervjenu jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, qed jiġi propost li jissaħħu r-rekwiżiti minimi għat-taħriġ u n-notifika lill-awtoritajiet. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali se jippermettu aktar sensibilizzazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għal xogħol relatat mal-asbestos.

Ir-rapport jirrakkomanda li jiġu stabbiliti proċeduri obbligatorji ta' dekontaminazzjoni, biex jiġi evitat esponiment sekondarju.

Fl-aħħar nett, u mingħajr ma jiddgħajfu l-kompetenzi nazzjonali fir-rigward tal-kumpens għall-mard okkupazzjonali, qed jiġi propost li fl-Anness 1 dwar is-sorveljanza medika, tiġi aġġornata l-lista ta' mard li l-għarfien kurrenti tiegħu jindika li l-esponiment għall-fibri tal-asbestos jista' jwassal għal dan. Meta jintwera li marda hija marbuta mal-esponiment okkupazzjonali għall-asbestos, l-informazzjoni għandha tintuża biex tikkontribwixxi għar-reġistri tal-istatistika sabiex jiġi żgurat monitoraġġ epidemjoloġiku aktar komplet.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-[abbozz ta' rapport/rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat]:

Entità u/jew persuna
European Federation of building and woodworkers
European Trade Union Institute
European Trade Union Confederation
European Federation of Public Service Unions
United Federation of Danish Workers (3F)
European Construction Industry Federation
European Building Confederation
Confédération de l'Artisanat et des Petites entreprises du Bâtiment
Fédération Française du Bâtiment
Syndicat Interprofessionnel du Diagnostic Immobilier